# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 17 ta' Novembru, 2021**

**Mandat Inibizzjoni Numru 1472/21 TA**

**Diane sive Diana Busuttil miżżewġja Bajada (KI 267167M)**

**vs**

**Vicarist Ltd (C6404)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Diane sive Diana Busuttil miżżewġja Bajada (ir-rikorrenti) tal-1 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Vicarist Ltd (is-Soċjeta' intimata) tat-3 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Dwar x'wassal lir-rikorrenti tagħmel dan ir-rikors il-fatti huma pjuttost sempliċi. Hi kienet miżżewġa lil Eucharist Bajada li kellu 200 sehem fis-Soċjeta' intimata. Kienet diġa' otteniet mandat ta' inibizzjoni biex iżżommu milli jitrasferixxi dawn l-ishma. Xi żmien dan il-mandat ġie revokat. Kif u come din il-Qorti ma għandha xejn quddiemha ta' esattament x'ġara f'dawk il-proċeduri u li din il-Qorti ftit li xejn jinteressaha. L-imsemmi Eucharist Bajada minn dak in-nhar laħaq miet. Tajjeb li jingħad li din il-kumpanija ġiet kostitwita qabel iż-żwieġ mar-rikorrenti pero' milli fehmet din il-Qorti mill-propjeta' immobbiljari akkwistata minnha kien hemm minnhom li ġew akkwistati filwaqt taż-żwieġ bejn il-konjugi Bajada.

B'dawn il-proċeduri r-rikorrenti qed titlob żewġ affarijiet:

1. Li s-Soċjeta' intimata tiġi miżmuma milli b'xi mod toħroġ sabiex jiġu akkwistati aktar ishma jew li b'xi mod konvertiti djun jew self f'aktar ishma lis-soċji jew terzi.

   U

2. Milli titrasferixxi l-propjetajiet immobiljari imsemmija fir-rikors tagħha.

Dan qed titolbu biex tikkonserva d-drittijiet tagħha dwar pretensjonijiet li għandha inkwantu hija intitolata għan-nofs tal-kommunjoni tal-akkwisti li kellha ma Eucharist Bajada u kif ukoll il-porzjon riservat lilha skont il-liġi inkwantu s-suċċessjoni tad-defunt. F'dan l-istadju din il-Qorti ma hijiex ser tidħol fil-mertu dwar il-kwistjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Kif kemm-il

darba stabbilew dawn il-Qrati din hija kwistjoni li trid tkun investita mill-Qorti appożitament adita għalhekk.

Tajjeb pero' li jingħad li presentement għad hemm pendenti bejn il-partijiet il-Kawża ta' separazzjoni bejn ir-rikorrenti u d-defunt Bajada.

Minn naħa tagħha s-Soċjeta' intimata qegħdha tilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti b'żewġ difiżi.

L-ewwel waħda tirrigwarda l-irritwalita` u n-nullita' tar-rikors inkwantu dan ma josservax ir-rekwiżiti komminati taħt piena ta' nullita' l-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta peress li r-rikorrenti naqset li tindika tal-inqas b'mod approssimattiv, il-valur tal-kreditu jew pretensjoni tagħha li tista' tissarraf fi kreditu.

It-tieni difiza tagħha hija dik li solitament titqanqal dejjem f'dawn ix-xorta ta' mandati, u cioe' li ma jesistux l-elementi prinċipali sabiex mandat bħal dan ikun jista' jintlaqa'. B'mod ġenerali dawn huma dawk li għandu jkun hemm prima facie każ li l-pretensjoni jistħoqqilha tkun imħarsa u dan b'mod kumulattiv, u li kwalunkwe danni li jista' jsoffri min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat huma irriversibbli. Żewġ prinċipji li huma definiti bl-aktar mod ċar ta' x'jimportaw minn tagħlim koppjuż ta' dawn il-Qrati.

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra dawn il-proċeduri fid-dawl tad-difiżi mqanqla mis-Soċjeta' intimata.

_*L-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.*_

Dan l-artikolu jiddisponi kif ġej:

*"**Meta** l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni **li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta'somma ta' flus**, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġuramentimsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat."* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Is-Soċjeta' intimata tiċċita numru ta' Sentenzi dwar dan il-punt proċedurali biex tirribadixxi l-posizzjoni tagħha dwar din il-vertenza, fost oħrajn id-**Digriet tat-2 ta' Frar, 2018 fl-atti tal-Mandat Inibizzjoni Numru 42/18 TA fl-ismijiet Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513) f'isimhom propju u għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876).** Dan id-digriet ingħata mill-Prim Awla mill-istess Imħallef li qed jippresjedi f'dawn il-proċeduri. Għalhekk ikun utili x'jgħid esatt dan l-artikolu u li jekk huwiex minnu, li dak li jiddisponi l-artikolu imsemmi dwar dak li qed tinsisti fuq is-Soċjeta' intimata, għandu jkun applikat b'mod indiskriminat kull darba li jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni.

Huwa għalhekk, li din il-Qorti għamlet l-emfażi fuq imsemmija meta rriportat testwalment l-artikolu in kwistjoni. Il-Kelma "**Meta**" hija kjarament indikattiva li l-element in dibbattitu jkun meħtieġ taħt piena ta' nullita' mhux f'kull sitwazzjoni. Li ma kienx hekk, dan l-artikolu ma kienx jiddisponi billi jibda propju b'din il-kelma. Dan għalhekk ifisser li jista' jkun hemm, sitwazzjonijiet, partikularment fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni fejn dan l-element ma jkunx meħtieġ għax ma jkunx possibbli li jsir.

Il-Qorti di fatti tagħmel referenza għal dak li qalu l-Qrati f'dan ir-rigward fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni:

"*Tqis li, dwar il-preġudizzjali tas-siwi tar-rikors imressqa mill-intimati, din il-Qorti ma tarax li hija mistħoqqa. Ir-rikors tal-lum tressaq bħala talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni "normali" (Formola 21) u mhux dik l-għamla ta' Mandat ta' Inibizzjoni li jissemma fil-Formola 2, liema Mandat jitlob li jitħarsu ċerti kondizzjonijiet u l-għoti ta' ċertu tagħrif speċifikat.*

*Ta' min jgħid li mhux kull talba li ssir għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li żżomm lill-persuna intimata milli tittrasferixxi, tgħabbi jew tbigħ jew teħles minn xi ġid immobbli għandha tabilfors titressaq taħt l-artikolu 874 tal-Kodiċi;*

*Tqis li, għal dak li jirrigwarda t-talba li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li hemm dak in-nuqqas ta' siwi li jallegaw l-intimati. Dan jingħad għaliex, għalkemm id- dispożizzjonijiet tal-artikolu 831(1) u 832 tal-Kodiċi jirrigwardaw il-Mandati kawtelatorji in ġenerali, ir-rikors tal-lum jirrigwarda*

*wieħed mis-suriet tal-Mandat ta' Inibizzjoni, li l-liġi ma titlobx dwaru li r-rikorrent isemmi l-ammont tal-kreditu dovut, imma biss il-jedd li bis-saħħa tiegħu jitlob il-ħruġ tal-istess Mandat;"* (Ara **digriet ta' l-10 ta' Marzu, 2010 Mandat Numru. 296/2010/1 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 296/10 fl-ismijiet: Raymond Gauci u Josephine Gauci -vs- George Briffa u Rita Briffa.**)

Din il-Qorti tirrikonoxxi li jista' għalhekk ikun hemm sitwazzjonijiet, fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, li t-tismija tal-pretensjoni tkun biżżejjed li jsemmi dak li jiddisponi l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u cioe' *"l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur;"*.

Sa fejn jirrigwarda dan l-element ir-rikors odjern jissodisfah. Li trid teżamina din il-Qorti huwa n-nuqqas ta' tismija imqar approssimittiva tal-valur tal-pretensjoni, fid-dawl ta' dak li qiegħdha targumenta s-Soċjeta' intimata abbażi tar-rekwiżiti tal-artikolu 832 kif fuq spjegati.

Ir-rikorrenti żgur ma hiex titlob kreditu. Żgur pero li qed tavvanza pretensjoni. Irid għalhekk ikun determinat jekk tistax tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma flus. Jekk fl-affermattiv, isegwi li s-Soċjeta' intimata għandha raġun. Dan jista' jkun ikun dedott mill-mod kif ir-rikorrenti qed tippostula t-talbiet. Jemerġi li r-rikorrenti trid li tipproteġi l-interessi tagħha kwantu jirrigwarda sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti u d-drittijiet suċċessorji. Mill-aħħar tlett paragrafi tar-rikors tagħha jemerġi li dak li tassew trid hu, li

tirrientegra l-ishma trasferiti fis-Soċjeta' intimata indipendentement mill-valur intrinsiku tagħhom. Il-pretensjoni għal-likwidazzjoni tal-valur hija b'konsegwenza tar-reintegrazzjoni.

Dan jirriżulta b'mod l-aktar ċar mill-Kawża li għamlet biex tiddeduċi l-pretensjonijiet tagħha. Di fatti kull ma qed titlob f'din il-Kawża hija r-rexxissjoni tat-trasferiment tal-ishma. Ma hi tagħmel ebda talba għal-likwidazzjoni tad-danni, u għalhekk traduċibbli f'valur, anke approssimittiv (Ara a' fol 65). Di fatti fir-rikors ġuramentat inkwistjoni tgħid li mingħajr din ir-rexxissjoni ma jistax isir il-valur ta' dak li hi u uliedha jistgħu talvolta jkunu intitolati għalih fil-Kawża li hemm quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Kwantu għad-dritt li sar referenza għalih mis-soċjeta' intimata **Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona** (supra), il-Qorti kellha quddiemha kwistjoni ta' danni tant li l-Qorti osservat li "*Kemm mill-Mandat odjern u kif ukoll mill-Kawza li permezz taghha giet dedotta l-pretensjoni mertu ta' dan ir-rikors (ara dokument a` fol 50), jirrizulta li qed jintalab fost ohrajn, <u>hlas ghad-danni sofferti</u>. Dan ifisser, li l-pretensjoni f'dawn l-atti, tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma flus".* (Emfażi ta' din il-Qorti). Għalhekk il-fattispecie f'dawk il-proċeduri ma humiex strettment identiċi għal dak li għandha quddiemha l-Qorti llum.

Dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa għal kollox differenti. Huwa minnu li r-rikorrenti tgħid li **ser** tagħmel talba għall-ħlas ta' flus b'kawża appożita. Pero' kif jirrisulta mill-Kawża presentata dan ma hijiex

tippretendih fil-kawża minnha istitwita. Għalkemm fir-rikors odjern tassew jingħad ukoll li għandha dritt għal nofs il-kommunjoni u anke tal-parti riservata, dan intqal biex ikun qed jitqiegħed f'kuntest għal fejn ir-rikorrenti trid li s-Soċjeta' intimata tinżamm milli tagħmel l-affarijiet imsemmija fil-mandat. Biex jingħad li hemm il-ksur ta' dak li jirrikjedi l-artikolu 832, il-Qorti trid tħares lejn l-atti li għandha quddiemha u x'qiegħed jintalab f'dawn l-atti. Dawn jinkludu mhux biss ir-rikors odjern, iżda kif ukoll id-deduzzjoni tal-pretensjoni magħmula bir-rikors ġuramentat.

Il-pretensjonijiet kemm f'dan ir-rikors u anke fil-kawża ma humiex kwantifikabbli f'dan l-istadju tal-proċeduri bejn il-partijiet. Li kieku f'dik il-kawża apparti r-rexxissjoni, ir-rikorrenti talbet ukoll xi xorta ta' likwidazzjoni ta' dak li tippretendi f'termini monetarji, allura s-Soċjeta' intimata kien ikollha raġun. Pero' t-talba għal-likwidazzjni qed tkun riservata għall-azzjoni li r-rikorrenti tgħid illi ser tippreżenta fil-futur.

Għalhekk il-Qorti ma taqbilx ma dak li qegħdha ssostni s-Soċjeta' intimata fir-rigward tal-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Il-mertu*

In kwantu għall-mertu ta' dawn il-proċeduri, sorvolata l-ewwel risposta, il-Qorti ma hiex ser toqgħod tirreċita l-ġagulutorja tas-soltu ta' x'jgħidu s-Sentenzi. Din il-Qorti ssib li fiċ-ċirkostanzi jesisti prima facie dritt li r-rikorrrenti tħares jedd li tippretendi li għandha. Di piu', l-Qorti hija tal-fehma li jekk is-Soċjeta' intimata titħalla tagħmel dak li qed tintalab li tkun

miżmuma, id-danni tassew jistgħu ikunu irriversibbli. Dan il-każ jippresenta wisq kumplikazzjonijiet ta' natura soċjetarja li jġibu magħhom il-konswegwenzi li jistgħu ikunu irreversibbli b'dannu u pregudizzju għar-rikorrenti fl-eventwalita' li tottjeni ġudizzju favorevoli. Il-Qorti tirribadixxi li l-kwistjoni ta' x'tista tkun intitolata għalih ir-rikorrenti fid-dawl taċ-ċirkostanzi komplessi hija waħda li trid tkun eżaminata minn din il-Qorti li tiġi appożitament adita sabiex tiddeċidiha definittivament.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti fil-waqt li qed tikkonferma d-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru 2021 **qegħdha tilqa'** definittivament it-talbiet kif mitluba fir-rikors odjern u tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lill-Awtoritijiet kompetenti biex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjes ta' din il-proċedura jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Mogħti kameralment illum 17 ta' Novembru, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**